



24.10.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1276/2011 minn Wolf Zubrytzki, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar l-istabbiliment ta' żona protetta għall-ilma tax-xorb fuq is-Saidenberg (Ġermanja)

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jilmenta dwar it-tniġġis tal-ilma tax-xorb matul l-attivitajiet agrikoli li jseħħu qrib in-nixxieġha li ttiprovdi ilma tax-xorb għal madwar 400 persuna. Skont il-petizzjonant, l-awtoritajiet kompetenti qed jagħmlu ffit wisq biex jiproteġu ż-żona tal-ilma tax-xorb.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Marzu 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012

Il-petizzjonant ilment dwar it-tniġġis ta' sors ta' ilma li fil-preżent mhux żona protetta għall-ilma tax-xorb iżda huwa parti miż-żona fejn jinġabar l-ilma tal-ġibjun tal-ilma tax-xorb ta' "Saidenbach". L-attivitajiet agrikoli li qed isiru fil-viċinanzi tan-nixxieġha, u li ttiprovdi ilma tajjeb għax-xorb lil madwar 400 persuna qed jirrilaxxaw pestiċidi u kontaminanti oħra. Skont il-petizzjonant, l-awtoritajiet kompetenti mhumiex jieħdu miżuri biex jiproteġu l-ilma tax-xorb.

L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/60/KE (Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, WFD)<sup>1</sup> jeħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw l-ilmijiet kollha użati għall-estrazzjoni ta' ilma maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jipprovdu aktar minn 10 m<sup>3</sup> kuljum bħala medja jew li jfornu ilma lil aktar minn 50 persuna.

<sup>1</sup> ĠU L 327, 22.12.2000.

Kull waħda minn dawn l-ilmijiet għandha tilħaq l-oġġettivi tad-WFD (l-Artikolu 4). Dan jinkludi r-rekwiżit li l-Istati Membri jiksbu status tal-ilma ta' taħt l-art tajjeb sal-2015 u jevitaw deterjorament fil-kwalità tagħhom. Id-Direttiva 2006/118/KE (id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, GWD)<sup>1</sup> tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali mal-Ewropea kollha fir-rigward tan-nitrati u l-pestiċidi iżda għal sustanzi ta' tniġġis oħra huwa f'idejn l-Istati Membri biex jistabbilixxu l-istandards ta' kwalità abbażi tar-riskji ta' tniġġis.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-ilma tax-xorb jilħaq ir-rekwiżiti tad-Direttiva 80/778/KEE kif emendata mid-Direttiva 98/83/KE (Id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, DWD)<sup>2</sup>. Skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu żoni ta' salvagwardja għal ilmijiet użati għall-estrazzjoni ta' ilma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għaldaqstant, dan ir-rekwiżit mhuwiex obligatorju.

Il-petizzjonant ma jipprovdix evidenza li turi li l-obbligi hawn fuq imsemmija ma ġewx irrispettati. Ma hemm ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-attività agrikola fiż-żona qed tikkawża deterjorament tal-istatus tal-ilmijiet ta' taħt l-art, jew qed tkun ta' dannu għal kwalunkwe standard ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art jew tax-xorb.

### Konklużjoni

Il-Kummissjoni ma tista' tidentifika ebda ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

---

<sup>1</sup> ĠU L 372, 27.12.2006.

<sup>2</sup> ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32-54